MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 1068/2006/1

**John Mary sive Jimmy Vella personalment kif ukoll bhala direttur tal-kumpanija Jimmy Vella Fruit & Vegetables Ltd**

**vs**

**Bernard Hotel Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Jannar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta` Dicembru, 2006, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' elf u hames mitt lira, (Lm1,500.00), rapprezentanti bilanc dovut minn

ammonti akbar ghal merkanzija u kaxxi li fihom kienet giet ikkonsenjata l-istess merkanzija kif jirrizulta minn rendikont anness ma` Dok. JV 1.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 16 ta` Ottubru, 2006, Dok. JV 1 u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 14 ta` Dicembru, 2006, fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi l-merkanzija kienet tinsab kollha mhallsa filwaqt li l-kaxxi kienu gew kollha ritornati.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

L-atturi qed jippretendu li fadlilhom x'jithallsu mis-socjeta` konvenuta ghal bejgh ta` merkanija ta` hxejjex debitament konsenjata u in parti ghal valur ta` kaxxi li baqghu ma nghatawx lura mill-istess socjeta` konvenuta. Illi skond ix-xhieda ta` l-attur, is-sistema uzata bejn il-partijiet kienet li meta jigi konsenjat il-haxix fil-kaxxi, dawn il-kaxxi jibqghu ghand is-socjeta` konvenuta u din ta` l-ahhar tghaddi lura lill-atturi l-kaxxi li kienu jkunu gew moghtija lilha fil-konsenja ta` qabel. F'kull konsenja kienu jinghataw lura l-kaxxi tal-konsenja ta` qabel. L-attur stess jammetti li huwa kien jaghmel dan l-arrangament l-aktar ma` l-istore keeper tas-socjeta` konvenuta u mhux mad-direttur taghha personalment. Kienet tinhareg pero` delivery note li tkun iffirmata minn min jircievi l-kaxxi bil-haxix ghas-socjeta` konvenuta u in segwitu kienet tinhareg invoice ghal hlas li kienet tinkludi l-valur tal-kaxxi kontenenti l-merkanzija tal-haxix. Meta l-konvenut kien

jirritorna xi kaxxi vojta tal-konsenja precedenti fil-mument tal-konsenja attwali l-valur ta` l-istess kaxxi vojta kienet titnaqqas minn fuq l-invoice tal-konsenja. Meta jsir hlas fuq invoice partikolari ma kinietx tohrog ircevuta per se` izda l-pagament effettwat ikun jidher fuq l-istatement sussegwenti. L-ammont mitlub f'din il-kawza gie kkalkolat u mahdum mill-awditur ta` l-atturi. In kontro-ezami ma kienx f'pozizzjoni li jwiegeb kemm mill-ammont kif dovut ghal merkanzija u kemm ghall-kaxxi pero` rrifera ghal dokumentazzjoni li kellu. Ighid pero` illi l-kaxxi ritornati vojta kienu jigu ndikati fuq id-delivery note tal-konsenja l-gdida.

Jigi notat li mill-prospett ezebit u anness ma` Dok. JV 1 ghandu jirrizulta illi minn April, 2004 sa Mejju, 2005, kienu saru diversi konsenji izda tul dan il-perjodu kollu kien gie effettwat pagament wiehed biss ta` Lm1,278.89, f'Ottubru 2005. Dan l-istatement ezebit mill-attur ma jirrizultax daqstant korrett meta mqabbel ma` iehor ezebit mill-accountant tieghu, Pierre Galea Musu` bhala Dok. PGM 1. Minn dan l-ahhar prospett ghandu jirrizulta li minn Lulju, 2005 sa Ottubru, 2006 (u mhux Ottubru, 2005), is-socjeta` konvenuta kienet effettwat diversi pagamenti lill-atturi. Skond dan ix-xhud l-ammont mitlub f'din il-kawza jirriferi ghal valur tal-containers li s-socjeta` konvenuta ddecidiet li taqta` barra mill-kont u mhux ghal valur tal-merkanzija per se`. Dan gie anke konfermat mill-konsulent legali ta` l-attur tramite verbal datat 3 ta` Ottubru, 2007. Ix-xhud Galea Musu jikkonferma li l-valur mitlub tal-kaxxi vojta kienet tfisser nuqqas ta` madwar sitt mitt kaxxa u kif ukoll li l-kreditur proprju kienet is-socjeta` u mhux is-Sur Vella personalment.

Adrian Lauri, accountant mas-socjeta` konvenuta kkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont ta` crates konsenjati u ritornati kif jidhru elenkati fid-dokumenti JBC 1 u JBC 2 kienu jammontaw ghall-istess numru u kwindi ma sab u ma kien hemm

ebda diskrepanza. Dan gie kkonfermat ukoll minn Anthony Zahra, direttur tas-socjeta` konvenuta.

Minn ezami maghmul minn dan l-istess Tribunal tal-files ezebiti Dok. JBC 1 u Dok JBC 2 ma setghet tigi notata ebda diskrepanza sostanzjali bejn in-numru ta` crates konsenjati u dawk ritornati lura u certament mhux l-ammont ta` crates ta` cirka 600 li qed jippretendu l-atturi. Inoltre jigi rimarkat ukoll li jsib ferm stramb u nkredibbli li l-atturi jibqghu jikkonsenjaw il-haxix fil-kaxxi minghajr ma jigbru lura mis-socjeta` konvenuta l-kaxxi l-vojta kkonsenjati qabel.

In vista tal-premess, ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li t-talba ta` l-atturi ma gietx soddisfacentement ippruvata kwindi jichadha, bl-ispejjez kontra taghhom.**”**

L-attur *proprio et nomine* appella minn din is-sentenza bl-aggravju principali li fuq il-bazi tal-provi t-Tribunal kien zbaljat meta ddecieda li t-talba tieghu ma gietx sodisfacentement ippruvata;

Mill-parti konsiderativa tas-sentenza appellata jirrizulta li t-Tribunal wasal ghal konkluzjoni tieghu bil-motivazzjoni li kienet tezisti divergenza bejn l-i*statement* esebit mill-appellanti u dak prodott mill-*accountant* tieghu Pierre Galea Musu` u li, fuq kollox, mill-ezami minnu tad-dokumenti esebiti mill-appellanti ma giet notata ebda diskrepanza sostanzjali bejn in-numru ta’ *crates* ikkonsenjati u dawk ritornati lura.  Kien dan li wassal biex it-Tribunal ma jakkoljix it-talba attrici;

Hu principju pacifiku illi Qorti ta’ revizjoni ma tindahalx, in linea ta’ massima, fl-ezercizzju ta’ l-apprezzament diskrezzjonali mit-tribunal ta’ l-ewwel grad “hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi” (“**Elena Magri *et* -vs- Rosaria Borg**”, Appell Civili,

10 ta’ Frar, 1961). Tezisti raguni ghal dan il-principju. L-ezami tad-dokumenti u tad-deposizzjonijiet fuq l-attendibilita` u l-kredibilita` tal-provi, l-individwazzjoni u l-ghazla ta’ dawk fosthom li jitqiesu l-aktar idoneji biex isostnu l-motivazzjoni, jinvolvu apprezzament ta’ fatt rizervat lill-ewwel tribunal fil-meritu. Kif frekwentement ritenut, hu proprju l-ewwel tribunal li kellu l-opportunita` li jevalwa l-provi prodotti, il-komportament tal-partijiet u x-xhieda taghhom meta ddeponew quddiemu, u ghex l-*iter* tal-process fil-vari fazijiet tieghu. Ara “**Emanuel Genovese *proprio et nomine* -vs- Max Castagna *nomine***”, Appell, 23 ta’ April, 2001;

Meta allura, bhal f’dan il-kaz, it-Tribunal ikun sab li jezisti kuntrast li johrog mid-dokumenti, u hu jkun ibbaza l-konvinciment tieghu fuq ir-rizultanzi oggettivi li johorgu mill-provi u l-aktar tal-kuntrast minnu riskontrat, hekk ghalih ostativ ghac-certezza morali tad-decizjoni, din il-valutazzjoni tieghu tal-fatti, purke` motivata, hi incesurabbli minn din il-Qorti jekk tinsab f’korrispondenza mal-konvinciment morali taghha;

Ir-ragonament kuntrarju ta’ l-appellanti fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata hu dan:

(1) Ma jezisti ebda kuntrast bejn il-prospett esebit minnu u dak ta’ l-*accountant* tieghu ghax ghal dan ta’ l-ahhar tezisti l-ispjegazzjoni tax-xhud Pierre Galea Musu` li mentri fl-ewwel prospett kienu jirrizultaw ammonti li ma setghux jigu abbinati ma’ fattura specifika, f’dak esebit minnu kienu illustrati t-transazzjonijiet kollha li saru;

(2) Kienet tezisti d-diffikolta li wiehed jalloka l-ahhar pagament li sar mis-socjeta` konvenuta (Lm1278) ma’ xi *invoice* partikolari u kien ghalhekk li din is-somma tnaqqset mill-ammont globali dovut;

(3) Il-kwestjoni tal-*crates* ma tqajmetx minnu izda mis-socjeta` appellata u kienet din li arbitrarjament iddecediet li tnaqqas is-somma ta’ Lm1500 bhala valur ta’

dawn l-istess *crates*. Dan skond l-appellanti jfisser li kienet dejjem l-istess socjeta` appellata li kkonkludiet li l-ammont reklamat kien ghal *crates* ikkonsenjati u mhux ritornati. Hu, invece, jinsisti li l-fatturi jinkludu sew il-valur ta' dawn il-*crates* kif ukoll il-valur tal-prodott;

Premess dan, il-Qorti tibda biex tirrileva b'kumment generali illi fejn tonqos l-insufficjenza ta' prova ghas-sostenn tad-dritt pretiz, jew fejn dik il-prova mhix wahda cara u univoka, ragonevolment, din is-sitwazzjoni tivverbera negattivament fuq min hu hekk mghobbi bl-oneru li joffri c-certezza ta' l-allegazzjoni tieghu, bil-konsegwenza li jsib ruhu rinfaccjat bir-rigett tad-domanda. Identiku, minn dejjem, hu l-hsieb traccjat f'bosta decizjonijiet fuq dan il-punt in omagg tal-principju maghruf li min jallega, jrid jipprova;

Il-Qorti ma tistax ma tosservax, imbaghad, minn ezami tal-materjal istruttorju illi:-

(1) L-attur ma kienx f'qaghda li jiddistingwi kemm mill-ammont pretiz minnu hu dovut ghal *crates* u kemm ghal prodott. Jghid biss li hu wasal ghal dak l-ammont fuq medda ta' snin, kif ikkalkolat mill-*accountant* tieghu fuq il-karti li ghaddielu. Ara xhieda tieghu a fol. 13 tal-process;

(2) Huwa veru li l-kwestjoni tad-diskrepanza fin-numru ta' *crates* tqajmet mis-socjeta` appellata f'laqgha pre-processwali. Hu pero` koncess mill-*accountant* Pierre Galea Musu` (fol. 20) illi l-kalkolu matematiku jwassal ghal figura ta' Lm1500, valur tal-*crates*, u f'liema somma, skond l-attur, is-socjeta` appellata baqghet debitrici;

(3) Sija x-xhud Adrian Lauri, *accountant* mas-socjeta` konvenuta, u sija Anthony Zahra, direttur ta' l-istess socjeta`, jaqblu u jikkonfermaw illi l-ezami minnhom tad-dokumenti kopjuzi esebiti mill-attur ma tat ebda rizultat ta' xi diskrepanza fin-numru tal-*crates*. It-tnejn li huma jiddikjaraw li ezaminaw il-fatturi kollha u, skond ir-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, dawk li huma ma

mmarkawx fuq il-prospett kien dovut ghal fatt illi l-fatturi korrispondenti ma nstabux fil-file. Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 38;

Huwa altru minn evidenti, anke mill-kontroll li din il-Qorti ghamlet tad-denunzji ta' l-appellanti, illi l-fonti tal-konvinciment tat-Tribunal kienu l-fatturi esebiti u mhux tant x'intqal mix-xhieda testimonjali. Hekk it-Tribunal, korrettement fil-hsieb tal-Qorti, hass li kellu jaghti prevalenza aktar lid-dokumentazzjoni esebita milli lix-xhieda. Taht dan il-profil il-valutazzjoni tieghu hi sew akkompanjata minn motivazzjoni sufficjenti u logikament sobrija. B'kull rispett dovut, l-appellanti ma jistax jippretendi illi t-Tribunal kellu bilfors jippresta gudizzju konformi ghar-ri-elaborazzjoni soggettiva tieghu tal-provi meta r-rizultanzi, fil-kumpless taghhom, ma kienux jissuggerulu dan. It-Tribunal gustament sab li l-elementi tal-provi kienu anzi jissuggerulu li kien jezisti certu grad ta' dubju jew, ghallanqas, li l-qaghda kreditorja vantata mill-appellanti ma kienetx bastantement cara. Meta tali hi s-sitwazzjoni, il-Qorti tinsab kostretta, minhabba r-regoli maghrufa tal-piz tal-provi, li, ukoll, fil-kamp civili jirrikjedi bilanc serju ta' probabilita`, li taqa' fuq is-soluzzjoni tad-dubju ragonevoli u tal-principju tradizzjonali "*actore non probante, reus absolvitur*".

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal, bl-ispejjez kontra l-attur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------